MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 2514/1998/1

**A B f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri C, nominata b' digriet tal-20 ta' Gunju 2000**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi minn relazzjoni intima bejn il-partijiet twieldet tifla, li nghatat l-isem C;

Peress illi ghal snin shah il-konvenut ma kienx irrikonoxxa lit-tifla, u ghal hames snin u nofs qatt ma fittex jew ra lil din l-imsemmija tifla;

Peress illi ghal fuq minn seba’ snin l-attrici A B kellha tmantni hi wahidha lit-tifla taghhom, u dana billi l-konvenut qatt ma hallas jew kkontribwixxa ghall-ghajxien tat-tifla, minkejja l-fatt illi skond il-ligi huwa kellu l-obbligu illi jaghmel dan;

Peress illi sussegwentement l-konvenut ried illi jibda jara lit-tifla taghhom, u rrikonoxxiha bhala bintu;

Peress illi l-konvenut fetah proceduri quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili, sabiex jinghata l-possibilta’ illi jkollu access ghat-tifla, liema proceduri ma gewx opposti mill-attrici;

Peress illi skond id-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili, datat tnejn (2) ta’ Ottubru elf disa’ mija tmienja u disghin (1998), il-Qorti taghtu access ghat-tifla;

Peress illi l-konvenut irrikonoxxa lit-tifla u peress illi inghata access ghaliha skond digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili, kif ukoll stante illi l-konvenut stess irrikonoxxa illi fost ohrajn ghandu r-responsabbilta finanzjarja lejn it-tifla, ghaldaqstant l-attrici talbet lill-konvenut sabiex jikkontribwixxi l-ammont ta’ tlieta u sebghin lira maltin (Lm73) fix-xahar versu l-bzonnijiet tal-istess tifla;

Peress illi l-konvenut offra li jhallas biss is-somma ta’ hamsa u erbghin lira maltin (Lm45) fix-xahar, ammont li mhux accettat mill-esponenti, mhux kapriccjozament izda ghax mhux possibbli li jigi accettat, kif ukoll billi l-attrici taf illi fil-fatt il-konvenut jaqla aktar fix-xahar minn dak illi qieghed jipprova juri illi jaqla;

Peress illi l-attrici ma ssib l-ebda oggezzjoni li l-missier jaqra lil bintu pero’ similment tippretendi li huwa ghandu jerfa’ l-obbligazzjonijiet tieghu u jhallas manteniment adegwat ghall-bzonnijiet tat-tifla;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiffissa, jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta' periti nominandi, ammont ta' flus, liema ammont ghandu jithallas lill-attrici A B, u dana bhala kumpens xieraq ghas-snin shah li hi wahidha kellha tipprovdi ghall-bzonnijiet u ghall-ghajxien tat-tifla;

2. Tiffissa, jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta' periti nominandi, ammont ta' flus bhala manteniment xieraq u adegwat ghall-ghajxien u bzonnijiet tat-tifla C;

3. Tordna l-konvenut biex ihallas dawn l-ammonti jekk iffissati u cioe' kemm il-kumpens kif ukoll il-manteniment; u dan isir taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti joghgobha timponi, kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez, inkluz Lm10 tal-konsult, kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-obbligu u t-talba ghall-hlas tal-manteniment tibda ssehh u tista' ssir biss minn meta l-eccipjent irrikonoxxa lill-minuri C bhala bintu. Ghalhekk kull talba ghall-hlas ta' kumpens minn naha ta' l-attrici ghas-snin ta' qabel ma giet rikonoxxuta l-minuri, hija nfondata.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess kull talba ghall-hlas mill-24 ta' Frar 1991 (data tat-twelid tal-minuri) sat-30 ta' Novembru 1993 hija preskritta skond l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kap. 16).

3. Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-esponent qieghed jissomministra manteniment ta' tletin lira maltin (Lm30) fix-xahar. Fil-qaghda finanzjarja li qieghed fiha llum m' huwiex possibli ghalih li jhallas iktar minn din is-somma, filwaqt illi l-attrici ghandha l-mezzi finanzjarji.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri li biha l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2156[b] tal-Kap.16;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat ir-relazzjoni[1] tal-perit legali l-Avukat Dottor Vincent Galea, minnu debitament mahlufa, u li qeda tigi annessa in toto ma' dan il-gudizzju [appendici A];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li l-konvenut jigi kkundannat jhallas lilha somma ta' flus rapprezentati kumpens xieraq ghas-snin li hi provdiet waheda ghall-ghixien ta' bint il-partijiet; kif ukoll jigi fissat manteniment xieraq u adegwat ghall-istess tifla minuri; u tordna l-konsegwenzjali hlas ta' dawn l-ammonti.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jopponi ghat-talbiet attrici billi jsostni: li l-obbligu ghall-hlas tal-manteniment ghandu jirrizali biss mid-data tar-rikonoxximent tat-tarbija da parti tieghu; li l-azzjoni hija preskritta fit-temini ta' l-artikolu 2156 sub incizi [b] u [f]; li hu qed jissomministra rata alimentarja mensili ta' Lm30 u dan a proporzjoni tac-cirkostanzi finanzjarji tieghu.

Illi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni.

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-provi jrrizulta li fl-24 ta' Frar 1991 twieldet it-tifla C minn relazzjoni bejn il-partijiet. Sussegwentement ir-

[1] Vo.3 fols. 690 *et seq.*

relazzjoni giet terminata, u l-kuntatt tal-missier ma' bintu kien skars minhabba s-sitwazzjoni tal-partijiet.

Illi fil-5 ta' Marzu 1997 il-konvenut irrikonoxxa formalment lil bintu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottoressa Nathalie Pace Asciak; u l-partijiet bdew jirriskontraw diffikultajiet relatati ma' l-access tal-konvenut ghal ibnu, u l-quantum tal-manteniment dovut lill-attrici ghall-manteniment tat-tifla.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi kif korrettament osserva l-abbli perit legali, il-kwistjoni relatata mal-manteniment ma kienitx timpernja fuq l-gharfien da parti tal-konvenut ta' l-obbligu tieghu li jmantni lil bintu, fil-fatt jirrizulta li hu dejjem kien dispost li jmantni lil bintu; izda l-kwistjoni kienet dwar il-quantum tal-manteniment dovut minnu. Fi kliem iehor, filwaqt li l-konvenut kien mill-bidu rrikonoxxa u accetta l-obbligu tieghu li jhallas manteniment, huwa kien jinsisti li l-ammont mitlub mill-attrici kien sproporzjonat ghal mezzi finanzjarji tieghu. Dan jopera bhala rinunzja da parti tieghu tal-prekrizzjoni kwinkwennali; u ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni ma jistghux jreggu.

Illi l-Qorti taghmel piena referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula u l-konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu u, <u>salv ghal dak li ser jinghad fil-paragrafu sussegwenti rigward il-quantum tar-retta alimentarja</u>, qeda taddottahom fl-intier taghhom, b' mod li l-kontenut tal-pagni 7 sa 712 [minbarra s-sezzjoni ntestata "Konkluzjoni"][2] ghandhom jitqiesu bhala formanti parti ntegrali mill-gudizzju odjern.

Illi rigward il-quantum tar-retta alimentarja il-Qorti ma tikkondivix il-konkluzjoni tal-perit legali, u tikkunsidra li retta alimentarja ta' Lm85 kull erba gimghat hija aktar xierqa u gusta, tenut kont ukoll tal-fatt li l-minuri llum il-gurnata ghandha 17-il sena u ghalhekk f' eta' li tippermettilha li ssib part-time job partikolarment fil-

[2] Vide appendici A – fols,.695 sa 712

vakanzi tas-sajf biex tghin ruhha, kif del resto isir illum minn kwazi z-zaghzagh kollha ta' dik l-eta' li ma jkollhomx impieg fulltime regolari.  Izda dan il-manteniment m' ghandux jinkludi spejjez medici ta' natura straordinarja, bhal ma huma per ezempju, dawk tad-dentist, tal-oftalmologu u tan-nuccalijiet, u spejjez ohra li l-minuri jista' jkollha bzonn.  Dan l-obbligu tal-konvenut jispicca malli l-minuri taghlaq it-tmientax-il sena, jew qabel, jekk jkollha xoghol fulltime.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet fuq premessi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, filwaqt li tirrespingi bhala nfondati l-eccezzjonijiet relattivi ghall-preskrizzjoni bazata fuq l-artikolu 2516[b] u [f], kif ukoll tirrespingi l-kumplament ta' l-eccezzjonijiet l-ohra, tilqa' t-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, seba' mija tmienja u hamsin Ewro [€21,758] rapprezentanti kumpens ghall-perijodu li jestendi mill-24 ta' Frar 1991 sas-27 ta' April 2003 [id-data ta' l-ahhar xahar minghajr digriet ta' manteniment pendente lite] u li fih l-attrici mantniet waheda lill-minuri C; filwaqt li qed issir rizerva sabiex f' kaz li l-konvenut ma hallasx l-ammont ta' Lm85 minn Mejju 2003 'il quddiem, huwa jigi kkundannat ihallas tali ammont ukoll;

[2] tilqa' t-tieni talba u tiffissa retta alimentarja ta' mija u tmienja u disghin Ewro [€198] kull erba' gimghat pagabbli bil-quddiem mill-konvenut bhala il-kontribut tieghu ghall-manteniment tal-minuri C, liema ammont ghandu jinqata' direttament mill-paga tieghu u jintbaghat fir-residenza ta' l-attrici; u li dan l-ammont ma jinkludix l-ispejjez medici ta' natura straordinarja;

[3] tilqa' t-tielet talba u tordna li l-konvenut jhallas il-manteniment hekk likwidat.

L-ispejjez jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------